10 ta' Awissu, 1956.

Imħallfin:
Onor. Dr. A. J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.
*A/President.*
Onor. Dr. A. V. Camilleri, B.Litt., LL.D.;
Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.

Carmela Mangion pr. et ne. *versus* Paolo Mangion

## Alimenti — Mara — Ċitazzjoni — Dikjarazzjoni — Kawżali — Liberazzjoni "ab observantia".

*Mhux leċitu li l-kawżali fiċ-ċitazzjoni tiġi mibdula, fil-Qorti Superjuri; u jekk il-Qorti tiddeċiedi fuq kawżali diversa, id-deċiżjoni tagħha tkun "extra petita". Il-Qorti għandha toqgħod għat-termini tad-domanda; u s-sentenza għandha tkun konformi għad-domanda.*

*Id-dikjarazzjoni li takkompanja ċ-ċitazzjoni, għalkemm hija ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni, ma tistax tissostitwixxi, iżżid, jew sostanzjalment tissupplementa nuqqas dwar l-oġġett u r-raġuni tat-talba.*

*Għaldaqstant, jekk mara taġixxi kontra żewġha għall-alimenti fuq il-*

*motiv li żewġha abbanduna fl-indiġenza lilha u lill-uliedha, u din il-kawżali ma tirriżultax, dik il-mara ma tistax issostni t-talba tagħha fuq l-istess ċitazzjoni fuq il-motiv li hija kienet kostretta tabbanduna d-dar konjugali minħabba trattament ħażin ta' żewġha; u dan avvolja fid-dikjarazzjoni hija tkun esponiet fatti li jikkonduċu għal din il-kawżali, u avvolja jkun jidher li hija riedet tfisser ħaġa u fiċ-ċitazzjoni esprimiet oħra; għax il-Qorti għandha toqgħod għal dak li jitniżżel fiċ-ċitazzjoni, u mhux għal dak li kien fil-ħsieb ta' min għamel il-kawża.*

*Jekk it-talba ma tirriżultax fondata fuq il-kawżali espressa fiċ-ċitazzjoni, imma jista' jirriżulta dritt ieħor għal kawżali diversa, il-Qorti għandha tillibera "ab observantia".*

Il-Qorti: — Rat l-att taċ-ċitazzjoni preżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-attriċi, fil-kwalitajiet tagħha fuq imsemmija, wara li tippremetti li l-konvenut abbanduna fl-indiġenza lilha u lill-imsemmija minuri, tfal komuni tagħhom, mingħajr ġusta kawża, titlob li l-konvenut jiġi kundannat iħallasha, għaliha u għal uliedha msemmija, pensjoni alimentarja bil-mod, ħin u lok, stabbiliti mill-Qorti, skond il-bżonnijiet tagħha fl-imsemmija kwalità u l-mezzi tal-konvenut; bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie mħarrek għas-subizzjoni;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Ewwel Istanza tas-27 ta' Ġunju 1956, li minnha jidher li dik l-istess Qorti qatgħet il-kawża billi lliberat lill-konvenut mill-osservanza tal-ġudizzju; bl-ispejjeż għall-attriċi; wara li kkunsidrat:

Illi l-attriċi bbażat it-talba tagħha fuq il-kawżali li l-konvenut abbanduna fl-indiġenza lilha u lil uliedha minuri Carmelo, Giuseppe u Paolo. Mill-provi, l-istess talba fuq l-imsemmija kawżali ma tirriżultax. Għall-kuntrarju, ġie pruvat soddisfaċentement illi l-konvenut jipperċepixxi mill-impieg tiegħu...... Għalhekk, it-talba ta' l-attriċi fuq il-kawżali minnha dedotta fiċ-ċitazzjoni ma tistax tiġi milqugħa;

Illi bix-xhieda tagħha l-attriċi ppruvat tbiddel il-kawżali taċ-ċitazzjoni, fis-sens li hija kienet kostretta, minħabba trattament ħażin ta' żewġha, tabbanduna d-dar konju-

gali, u għalhekk il-konvenut hu tenut jissomministralha l-alimenti, anzi fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni hija esponiet fatti li appuntu jikkonduċu għal din il-kawża, li biha, jiġifieri, l-attriċi ppruvat fix-xhieda tagħha tissostitwixxi dik dedotta fiċ-ċitazzjoni. Imma mhux leċitu li l-kawżali fiċ-ċitazzjoni tiġi mibdula (Vol. XXXV-I-5); id-dikjarazzjoni li skond il-liġi għandha takkompanja ċ-ċitazzjoni, għalkemm hi ħaġa waħda maċ-ċitazzjoni, ma tistax tissostitwixxi, iżżid jew sostanzjalment tissupplementa nuqqas dwar l-oġġett u r-raġuni tat-talba fiċ-ċitazzjoni (Vol. XXXIV-II-480); il-kawżali taċ-ċitazzjoni fil-Qrati Superjuri ma tistax titbiddel, u jekk il-Qorti tiddeċidi fuq dik il-kawżali diversa, id-deċiżjoni tagħha tkun "extra petita" (Vol. XXXIII-I-748); il-Qorti għandha toqgħod għat-termini taddomanda, u s-sentenza għandha tkun konformi mad-domanda (Vol. XXXIV-I-269);

Illi, kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-18 ta' Ottubru 1943 in re "Cassar vs. Grech", jekk it-talba ma tirriżultax fondata skond il-kawżali fiċ-ċitazzjoni, imma jista' jirriżulta dritt ieħor għal kawżali diversa, il-Qorti għandha tillibera "ab observantia";

Rat in-nota tal-appell tal-attriċi tal-4 ta' Lulju, 1956, kif ukoll il-petizzjoni tagħha tat-18 ta' Lulju 1956, minn fejn jidher li l-attriċi proprio et nomine, appellanti, talbet li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata u li t-talba tagħha tiġi inveċi milqugħa; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut, appellat;

*Omissis:*
Ikkunsidrat;
*Omissis;*

Illi fuq il-pont proċedurali rilevat fis-sentenza appellata dina l-Qorti taqbel mal-Ewwel Qorti, u tħaddan ir-raġunijiet premessi għal dik is-sentenza, li m'hemmx bżonn jiġu mtennija. Evidentement, l-attriċi riedet tfisser ħaġa bħala kawżali, u fiċ-ċitazzjoni esprimiet oħra; u l-kawżali ma tistax tinbidel; u l-Qorti għandha toqgħod għal dak li jitniżżel fiċ-ċitazzjoni, u mhux għal dak li kien fil-ħsieb tal-attriċi;

Għal dawn ir-raġunijiet, u għal dawk tal-Ewwel Qorti, il-Qorti tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata: bl-ispejjeż kontra l-appellanti.